MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1232/1993/1

**Joseph Zammit u Frank Fenech**
**ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjetà Mira Motor Sales Limited**

**vs**

**Alfred Miceli Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Simonds Farsons Cisk Limited u b'nota tal-10 ta' Novembru, 1993 Dr Godwin Aquilina bhala Legal Executive assuma l-atti tal-kawza u b'nota tat-28 ta' April 1997 Dr André J. Camilleri assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Godwin Aquilina u b'nota tat-22 t' Ottubru 2002 Anthony Tabone bhala Segretarju ta'**

**Simonds Farsons Cisk plc assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. André J. Camilleri noe.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi nomine, wara illi ppremettew illi s-socjetà konvenuta kienet ordnat minghand is-socjetà attrici vettura tal-marka Isuzu NKR, *chassis cab*, permezz ta' *purchase order* no. 17334 ghall-prezz ta' hamest elef mija u erbgha u sittin lira (Lm5164) u hallset b'depozitu akkont is-somma ta' elf seba' mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm1722) (Dok A), u thalla bilanc ta' tlett elef erba' mija u tnejn u erbghin lira (Lm3442); illi s-socjetà konvenuta xtaqet taghmel xi zidiet strutturali fl-istess vettura; illi s-socjetà konvenuta inkarigat ghal dan l-iskop lill-certu Emmanuel Ciantar sabiex jiehu il-konsenja tal-vettura minghand is-socjetà attrici kif fil-fatt ghamel (Dok B); illi ghalhekk is-socjetà attrici ikkonsenjat il-vettura de quo lis-socjetà konvenuta; illi filwaqt li l-vettura kienet f'idejn Emmanuel Ciantar giet anke spezzjonata minn rapprezentant tas-socjetà konvenuta; illi sussegwentement is-socjetà attrici giet infurmata illi l-vettura giet misruqa; illi s-socjetà konvenuta qed tirrifjuta li thallas il-bilanc tal-prezz fuq imsemmi minghajr ebda raguni valida fil-ligi; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1 Tiddikjara illi s-socjetà attrici kienet ikkonsenjat il-vettura de quo lis-socjetà attrici (*recte*: konvenuta); 2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u tnejn u erbghin lira (Lm3442.00), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-vettura de quo; bl-imghaxijiet kummercjali mit-23 ta' Settembru 1992 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Novembru 1992 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata mill-attur Francis Fenech, u l-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
1. Illi d-domandi attrici huma infondati billi, kif qieghed jigi sostnut fil-kawza "Dr Godwin Aquilina noe vs Eucharist Zammit et noe" (Citaz. numru 715/93/AM), id-ditta attrici naqset li tikkonsenja l-*light duty truck* tal-marka Isuzu skond il-*Purchase Order* ta' l-10 ta' April, 1992, u b'hekk irrendiet ruhha responsabbli ghad-danni lejn id-ditta eccipjenti liema danni qed jigu reklamati minghandha;

2. Salv, jekk ikun hemm bzonn, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-konvenuta, guramentata mill-konvenut Dr. Godwin Aquilina, u l-listi tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 1999 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u cahdet it-talbiet attrici u ordnat illi l-ispejjes tal-kawza jithallsu ugwalment bejn iz-zewg partijiet, u dan wara illi kkunsidrat hekk:
"**<u>Nota ta' Osservazzjonijiet tas-Socjetà Attrici</u>**

"Fl-14 ta' Lulju 1997, is-socjetà attrici pprezentat in-nota ta' osservazzjonijiet taghha, fejn ghamlet riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata kontestwalment fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 715/93NA fejn gie ampjament trattat il-fatt illi l-vettura de quo fil-fatt kienet giet ikkonsenjata lis-socjetà konvenuta.

"Is-socjetà attrici però kompliet tghid illi galadarba din il-vettura kienet giet ikkonsenjata lis-socjetà konvenuta jsegwi illi wara l-allegata serqa s-socjetà attrici kien ghad gha[n]dha tiehu minghand is-socjetà konvenuta s-somma ta' Lm3442. Meta insteraq it-trukk de quo is-socjetà konvenuta kienet digà ghamlet diversi xogholijiet u alterazzjonijiet fih. Una volta s-socjetà konvenuta hadet pussess tal-vettura s-socjetà attrici ghandha dritt ghal bilanc ta' Lm3442 kif miftiehem.

"Ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza, jekk il-bejgh kienx konkluz jew le fil-mument ta' l-allegata serqa jwassal dejjem ghall-kundanna tas-socjetà konvenuta li thallas lis-

socjetà attrici s-somma ta' Lm3442. Dan ghaliex f'kaz li l-bejgh kien konkluz allura jsegwi li s-socjetà konvenuta hi tenuta thallas il-bilanc tal-prezz, filwaqt li jekk il-bejgh ma kienx ghadu konkluz, il-fatt li s-socjetà konvenuta kienet hadet pussess tat-trukk de quo jobbligaha li jew tirritorna t-trukk lis-socjetà attrici jew thallas is-somma ta' Lm3442 lis-socjetà attrici biex taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas.

"Irrizulta mix-xhieda ta' Ciantar illi huwa kien qed jerfa' t-trukk gewwa l-garaxx però is-socjetà konvenuta kienet naqset milli taghtih xi qisien, u dam aktar minn dak previst u kellu johrog it-trukk barra mill-garaxx:- '*Meta kienu jigu jaraw il-van ta' Farsons, dan kien ikun gewwa, izda sussegwentement kelli inhallih barra ghaliex jiena ma komplejtx nahdem fuqu, cioè ma stajtx nahdem fuqu ghax ma kellhiex qisien tat-tinda. Farsons kienu qaluli li qed idumu biex jaghtuni l-qisien peress li kien hemm xi haddiem li kien qieghed imsiefer. Dana kienu jghiduli ta' Farsons*.' Jirrizulta ghalhekk li s-socjetà konvenuta kellha tort ghaliex dewmet lil Ciantar aktar minn dak miftiehem, u li Ciantar kellu tort ghaliex ma halliex il-vattura fil-garaxx.

"Ghalhekk stante li s-socjetà konvenuta hadet konsenja u pussess tal-vettura de quo hija ghalhekk tenuta thallas is-somma ta' Lm3442 li tirraprezenta l-bilanc li s-socjetà attrici kien ghad fadlilha tircievi minghand is-socjetà konvenuta.

"**Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenut[a] b'risposta ghal dik tas-socjetà attrici**

"Is-socjetà konvenuta ghamlet piena riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet prezentata fil-kawza Citazzjoni Numru 715/93, u qalet li m'ghandha xejn aktar x'izzid.

"Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 1997, il-kawza giet trattata u thalliet ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat:

"Illi bejn il-partijiet din il-kawza hija konnessa mal-kawza fl-ismijiet inversi (Citazzjoni Numru 715/93) li giet deciza

llum stess, liema kawza nibtet mill-istess fatti u cirkostanzi.

“Il-Qorti taghmel riferenza piena ghad-decide taghha sew ghall-punti ta’ fatt u ta’ dritt f’dik il-kawza.

“Partikolarment però f’din il-kawza trid ukoll tenfasizza illi t-talbiet attrici huma insostenibbli ghax il-bejgh qatt ma gie kompletat u allura ma jistax qatt jintalab bilanc ta’ l-istess prezz ta’ bejgh. Tant jidher li s-socjetà attrici kienet konsapevoli li t-talba taghha ma tistax tregi ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet moghtija fil-kawza l-ohra illi fil-mori tal-kawza odjerna ppruvat b’rikors, li ma giex milqugh, tvarja l-kawzali tac-citazzjoni minn wahda ta’ bilanc tal-prezz ta’ bejgh ghall-wahda ta’ danni.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-atturi nomine illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, hlief fejn akkoljiet (*sic*) nofs l-ispejjez fuq il-ditta konvenuta b’dan illi t-talbiet attrici jigu akkolti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta appellata illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell intavolat mis-socjetà attrici jigi dikjarat irritu u null - talba michuda permezz ta’ provvediment ta’ dina l-Qorti tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, 2002 - u illi fil-kaz li din in-nullità ma tigix milqugha li l-istess appell jigi michud bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjetà attrici;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-atturi nomine kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “Una volta l-Ewwel Qorti ddecidiet fil-kawza *Av Dr Godwin Aquilina nomine vs Eucharist Zammit et nomine et* (citaz nru 715/93 NA)

deciza flimkien mal-kawza odjerna illi l-vettura in kwistjoni kienet digà giet ikkonsenjata mis-socjetà appellanti lis-socjetà appellata allura … l-ewwel talba attrici ma setghat qatt tigi michuda, u l-ewwel eccezzjoni ma setghatx tigi akkolta";

2. Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi l-bejgh in kwistjoni ma kienx konkluz peress illi ma kienx hemm skrittura ghaliex, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-*purchase order* accettata mahruga mis-socjetà konvenuta u accettata mis-socjetà attrici tissodisfa r-rekwizit tal-iskrittura rikjest mill-ligi", u, konsegwentement, it-tieni (2) talba attrici ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

Illi huwa utili illi l-ewwel jigi trattat it-tieni (2) aggravju hawn fuq riprodott tas-socjetà attrici appellanti;

L-artikolu 39 tal-Kap. 294 - illi kien ghadu fis-sehh meta saret il-*purchase order* in kwistjoni - jaqra hekk:
"Kull dokument li fih xi karozza bil-mutur kif imfissra fl-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, sew bil-licenza jew minghajr licenza, jew b'dik il-licenza biss, tigi trasferita, ikun suggett ghat-taxxa …";

u l-artikolu 40 ta' l-istess Kap. 294 jiddisponi hekk:
"(1) Bla hsara ghal kull ligi li tippreskrivi att pubbliku, kull trasferiment li ghalih japplikaw l-artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att, taht il-piena tan-nullità, ghandu jsir bil-miktub.

(2) Ma ghandu jigi registrat ebda trasferiment ta' xi … karozza bil-mutur minn xi awtorità mwaqqfa b'ligi ghal dan il-ghan, qabel ma tingieb prova lil dik l-awtorità li t-taxxa dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att kienet digà thallset."

Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi l-vettura in kwistjoni hija "karozza bil-mutur" *ai termini* ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku. Konsegwentement, sabiex ikun jista' jinghad illi kien hemm bejgh jew

trasferiment ta’ l-imsemmija vettura mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta irid jirrizulta illi dan it-trasferiment sar bil-miktub u illi tkun thallset it-taxxa relativa. Dan premess, dina l-Qorti ma tista’ b’ebda mod taqbel mas-sottomissjoni tas-socjetà attrici appellanti illi l-*purchase order* - illi kopja fotostatika taghha hija esibita a fol. 5 tal-process - tammonta ghal “trasferiment … bil-miktub” ta’ l-imsemmija vettura.

Illi, ghalhekk it-tieni (2) aggravju tas-socjetà attrici appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, n-nuqqas ta’ fondatezza tat-tieni (2) aggravju tas-socjetà attrici igib bhala konsegwenza illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet it-tieni (2) talba attrici;

Ikkunsidrat:

Illi, dan stabbilit, ma hemmx lok illi jigi trattat l-ewwel aggravju tas-socjetà attrici. Ir-raguni ghal dan hija illi, filwaqt illi permezz ta’ dan l-aggravju s-socjetà attrici qed timmira ghall-akkoljiment ta’ l-ewwel (1) talba taghha - dik illi jigi dikjarat illi meta l-istess socjetà attrici ntavolat il-kawza odjerna hija kienet già kkonsenjat il-vettura in kwistjoni lis-socjetà konvenuta - l-akkoljiment ta’ din it-talba ghandu effikacja biss sabiex tkun tista’ tintlaqa’ t-tieni (2) talba attrici, talba, illi kif ghadu kemm inghad, l-ewwel Qorti gustament cahdet;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjetà attrici appellanti u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza - b’eccezzjoni ta’ dawk già decizi bis-sentenza parzjali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, 2002 - jigu sopportati mis-socjetà attrici appellanti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------